# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## L-Addolorata ta' Cornabusa - Bergamo (Italja)

Is-santwarju tal-Madonna ta’ Cornabusa, fil-Wied Imagna, gewwa Bergamo huwa ddedikat lil Maria Addolorata. Xejn la tahseb li hu xi opra arkitettonika kbira, ghax dan it-tempju jinsab gewwa ghar kbir u huwa karateristika unika ta’ Bergamo. Sa minn sekli huwa centru ta’ devozzjoni ta’ dawk li jghixu fil-Wied; nofs il-pellegrinaggi, darba fis-sena jzuru dan il-lok qaddis biex fih il-fidili jitolbu lil Marija Addolorata.




Il-Papa Giovanni XXIII devot kbir ta’ dan is-santwarju ghamel pawsa ta’ talb ftit granet qabel l-elezzjoni tieghu. Maghluq ghaz-zmien tax-xitwa minhabba li t-toroq ghalih ikunu perikoluzi, is-santwarju jiftah il-bibien tieghu ghall-pellegrini fil-jum tat-Tnejn fuq l-Ghid il-Kbir.
Min jasal ghal-ewwel darba, waqt li javvicina bil-mod il-mod jinnota kampnar imma darba wasal fuq il-post ma jara u jsib ebda traccia ta’ santwarju kif kien jimmagina.

Jehtieglu li jghaddi minn triq imhaffra fil-blat u biss fit-tarf taghha jilmah quddiemu ghar kbir li hu mibdul f’santwarju. Fl-antik fil-qalba tieghu kien hemm kappella zghira. Bejn is-sena 1350 u 1400 il-Wied ta’ Imagna kien xiehda ta’ glied kbir bejn il-Gwelfi u l-Ghibellini.

L-istorja tas-Santwarju ta’ Cornabuisa tirrakonta li mara xwejha riedet tfittex kenn u sabitu gewwa ghar. Maghha hadet xbiha tal-Madonna Addolorata li baqghet hemm anke meta sehhet il-paci.

Snin wara zaghzugha li kienet tiehu hsieb il-merhla, izda li kienet truxa u muta sabet din l-istatwa u meta irritornat id-dar bidet tisma u titkellem u rrakontat dan il-fatt lin-niesha.

Biex jemmnuha riedu jaraw b’ghajnejhom dak li

qaltilhom it-tifla. Malajr xterdet l-ahbar u tnisselt devozzjoni kbira lejn Marija Addolorata f'dan il-ghar. Imbniet kappella zghira izda li maz-zmien ghebet. L-istatwa tad-duluri li hemm gewwa dan is-Santwarju hija ta' l-injam u twila madwar 80 centimetru.
Ix-xbiha tqieghdet taht studju u rrisulta li hija ta' origini Toscana, xoghol ta' reqqa u ghandha zmien sa mill-bidu tas-seklu 4